**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 2 ta' Dicembru 2021

Rikors Numru: 280/2014 AL

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur li permezz tiegħu ippremetta:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fid-29 ta' Jannar tas*-*sena 1984.*

[1] Fol. 1 – 5.

2. *Illi l-ulied imwieldin minn dan iz-zwieg lahqu lkoll l-eta' maggorenni.*

3. *Illi dan iz-zwieg tfarrak irrimedjabbilment minhabba ragunijiet serji unikament imputabbli lill-konvenuta, principalment adulterju, eccessi, sevizji u theddid, kif ukoll inkompatibilita' ta' karattru u ragunijiet ohra ammissibbli fil-ligi ghall-otteniment ta' separazzjoni personali.*

4. *Illi l-konvenuta m'attendietx ghas-seduti ta' medjazzjoni.*

5. *Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

6. *Illi r-rikorrent ottjena l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex jipprocedi f'dina l-istanza ghas-separazzjoni personali, u dana skont ma jirrizulta mid-Dokument 'B' li qed jigi anness.*

*Tgħid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

i. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba ragunijiet serji unikament imputabbli lill-konvenuta, principalment adulterju, eccessi, sevizji, theddid kif ukoll inkompattibilita' ta' karattru, u ragunijiet ohra ammissibbli fil-ligi ghall-otteniment ta' separazzjoni personali li ser jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza.*

ii. *Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrent dik ir-retta alimentarja dovuta skont il-ligi, b'dawk il-modalitajet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, li ghadhom jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti.*

iii. *Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimata l-effetti tad-dispsoizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

iv. *Tiddikjara terminata u xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u tillikwida u tiddividi l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar l-intimata titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hla tar-rikorrent, u dana kollu okkorendo bl-opera ta' perit nominandi,*

*u billi jgi nominat Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

v. *Tiddividi l-gid l-iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.*

vi. *Tordna lill-intimata tirrestitwixxi lill-esponent l-beni u krediti parafernali u dotali tieghu.*

vii. *Tordna l-izgumbrament/allontanament tal-intimata mill-fond Ent. H, Flt 1, Binja Hesri, Siggiewi, u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jghix f'dan il-fond ad eskluzjoni tal-istess intimata.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata li qieghda minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi minkejja l-konvenuta ġiet debitament notifikata bir-rikors ġuramentat nhar is-6 ta' Jannar 2015,[2] hija ma pprezentatx risposta ġuramentata entro t-terminu stabbilit mil-liġi;

Rat il-verbal tal-udjenza ta' nhar id-29 ta' Ottubru 2015, fejn il-konvenuta ġiet iddikjarata li tinsab fi stat ta' kontumaċja;[3]

Rat il-verbali, ix-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti fis-seduti miżmuma quddiem l-Assistant Ġudizzjarju Dr Abigail Critien;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti ta' nhar id-19 ta' April 2021, sabiex b'hekk tiġi evalwata l-kwistjoni tan-nullita' tal-atti kif sollevata *ex officio* mill-Qorti stess u dan in vista tal-inabilitazzjoni tal-attur A B;[4]

---

[2] Fol. 11.
[3] Fol. 16.
[4] Fol. 237.

Rat il-verbal tal-11 ta' Novembru 2021, fejn wara li xehed il-Psikjatra Q R, il-Qorti waslet għad-deċizjoni li l-atti tal-kawza odjerna huma korretti u ma hemmx lok għal nullita';[5]

Rat il-verbal tal-udjenza ta' nhar it-2 ta' Frar 2021, fejn il-Qorti awtorizzat lill-attur sabiex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet, liema fakolta' ingħatat ukoll lil konvenuta kontumaċi u dan abbazi tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet tal-Malta;[6]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' A B;[7]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[8]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li C B għandha tinsab ħatja għat-tifrik taz-zwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikoli 38 u 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attur jitlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attur jelenka x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenuta ħatja għat-tifrik taz-zwieġ;

2. Tapplika kontra l-konvenuta d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

---

[5] Fol. 246.
[6] Fol. 227.
[7] Fol. 231 – 235.
[8] Fol. 246.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

4. Tordna lill-konvenuta tirrestitwixxi l-beni u krediti parafernali u dotali lill-attur;

5. Tordna lill-konvenuta tħallas manteniment adegwat lill-attur;

6. Tordna l-izgumbrament tal-intimata mill-fond matrimonjali u konsegwentament tawtorizza lill-attur jgħix hemmhekk ad eskluzjoni tal-konvenuta.

**2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:**

*Il-Verzjoni tal-Attur u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenuta*

F'din il-kawza u in vista tad-digriet tas-6 ta' Mejju 2015 fejn l-attur ġie inabilitat milli jagħmel dawk l-atti ai termini tal-Artikolu 524 subinċiz 1 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-attur ma ressaqx il-verzjoni tiegħu permezz ta' affidavit jew xhieda *viva voce*. Madanakollu, il-Qorti tara li l-verzjoni tal-attur tista' tiġi misluta mix-xhieda tal-professjonisti mresqa minnu sabiex jixhdu fuq iċ-ċirkostanzi li għix fihom l-attur matul dawn l-aħħar snin. Dawn ix-xhieda huma:

i. *Il-Psikjatra Q R*,[9] li kkonferma li ilu jsegwi lill-attur sa mis-sena 1995 fejn qabel kien ibati minn *bipolar mood disorder* imma maz-zmien irrizulta li kellu *learning disability* fis-sens illi l-attur ma jafx jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u b'hekk huwa vulnerabbli. Fil-fatt il-Psikjatra jikkonferma li sakemm l-attur kellu lil martu f'ħajtu huwa seta' jiffunzjona għaliex seta' jiġi segwit, izda jkompli jgħid li *"imma x'ħin il-mara ġabet raġel ieħor f'daru u f'sodtu, ġie vittma taċ-ċirkostanzi billi tefgħuh f'boxroom, imbagħad bagħtu ġo għalqa l-Iklin u eventwalment ġo garaxx maħmuġ il-Marsa"*. Tant kemm l-attur kien *neglected* li meta rah il-Psikjatra huwa sabu għadma u ġilda. Kien proprju għalhekk li l-Psikjatra jikkonferma li *"f'dan il-punt li kelli I put my foot down u daħħaltu l-Isptar for his own protection biex ma jibqgħax jiġi esplojtat għax martu kienet qed tieħu wkoll flusu u*

[9] Ara x-xhieda ta' nhar it-18 ta' Jannar 2017, a fol. 101.

*ċekkijiet u tpoġġa f'halfway house"*. Izda l-Psikjatra jikkonferma li l-konvenuta u s-sieħeb tagħha bdew jittentaw ikomplu jesplojtaw lill-attur fil-*halfway house,* u dan wara li l-attur kien ġie mkeċċi minn daru stess filwaqt li l-konvenuta ridietu jkompli jħallas il-kera u l-kontijiet. Kien għalhekk li l-Psikjatra jgħid li kellu jaqfel lill-attur f'*ward* sabiex jipproteġih u dan minkejja li l-attur ma kellux għalfejn ikun imsakkar. Konsegwentament l-attur beda jgħix ġewwa Dar il-Merill f'Ħal-Qormi u dan wara li l-Psikjatra aċċerta ruħu li hemm is-sigurtajiet kollha neċċessarji sabiex l-konvenuta, is-sieħeb tagħha u ulied il-partijiet ma jersqux lejh. Il-Psikjatra jisħaq illi *"jien dejjem sħaqt li r-rikorrent jiġi protett għax spiċċa vittma ta' martu u l-amante tagħha"*;

ii. <u>*Il-Ħaddiema Soċjali F G mill-Aġenzija Appoġġ*</u>,[10] li tikkonferma li l-attur kien ilu jiġi segwit minn ħaddiema soċjali sa mis-sena 1995, izda tgħid li hi bdiet issegwih mis-sena 2016 u ċjoe' minn meta ġiet trasferita sabiex taħdem fil-qasam ta' *Qormi Mental Health Services*. Matul ix-xhieda ġie pprezentat rapport datat 2 ta' Diċembru 2015 li jistabbilixxi *timeline* tal-avvinmenti u d-diffikultajiet f'ħajjet l-attur:

(a) Il-familja ġiet riferuta għas-servizzi ta' *social work* f'Novembru tas-sena 1995 minħabba problemi finanzjarji, u fid-dawl ta' dan il-familja ġiet mgħejuna finanzjarjament u materjalment diversi drabi stante li l-attur kien bla impjieg filwaqt li kellu l-vizzju tal-logħob u kien qiegħed jonfoq il-maġġor parti tal-benefiċċji soċjali fuq biljetti tal-lottu. Din is-sitwazzjoni kienet qiegħda tagħti lok għal zieda ta' dejn ma' ħwienet lokali, kontijiet pendenti inkluz tad-dawl, ilma u kirja tal-fond matrimonjali. Barra minn hekk il-familja ġiet ukoll mgħallma l-immaniġġjar tal-flus u ngħatat is-sapport neċessarju;

(b) Fis-sena 2005, il-ħaddiema soċjali li kienet qiegħda ssegwi lil familja B issuġġeriet li l-attur jirċievi nofs il-benefiċċju soċjali minn liema nofs kellu jibda jħallas il-kontjiet tal-familja, filwaqt li n-nofs l-ieħor jingħata lil konvenuta sabiex ikollha għax-xiri tal-affarijiet baziċi ta' kuljum;

[10] Ara x-xhieda ta' nhar is-6 ta' Mejju 2019, a fol. 158.

(c) Fis-sena 2016, il-ħaddiema soċjali ltaqgħat ma' D E li allegatament kien qiegħed jgħix mal-familja B u jgħinhom finanzjarjament;

(d) Fis-sena 2007, l-attur kien jgħid lill-ħaddiema soċjali li huwa kien qiegħed jgħin lil D E fl-għelieqi tiegħu ġewwa l-Iklin u b'hekk ma kienx qiegħed iqatta' ħafna ħin id-dar;

(e) F'Lulju tas-sena 2008, l-attur attenda appuntament għal *review* psikjatriku ma' Dr X li jaħdem fl-istess klinika ta' Dr Q R, fejn l-attur iddikjara li kien qal lil martu sabiex titlaq mid-dar matrimonjali għaliex kien qabadha ma' raġel ieħor. Nelfrattemp, il-ħaddiema soċjali kienet tittenta tiltaqa' mal-familja B, izda il-konvenuta kienet tinfurmaha li kienet diffiċli li tiltaqa' mal-familja ġialadarba dawn kollha kemm huma kienu jmorru r-razzett tal-Iklin sa minn kmieni filgħodu;

(f) F'Marzu tas-sena 2009, l-attur informa lill-ħaddiema soċjali li D E kienu ilu jgħix magħhom għal xhur sħaħ, fejn martu u uliedu kienu jmorru tajjeb miegħu. L-attur ikkonferma ukoll li l-familja kollha kienet titlaq kmieni filgħodi lejn l-Iklin sabiex jgħinu lil D E fir-razzett tiegħu, filwaqt li D E kien jgħin lil familja fejn ħafna mid-drabi kien isajrilhom. L-attur ikkonferma ukoll li huwa kien jagħti l-flus kollha tiegħu lil martu, u D E kien jagħti lill-attur ftit flus li seta' jonfoq fiex ried hu. Madanakollu l-attur iddikjara ukoll li anke jekk D E kellu jitlaq mid-dar matrimonjali tal-partijiet, huwa ma riedx lura lill-konvenuta;

(g) F'Awwissu tas-sena 2009, l-attur ikkonferma li D E kien għadu jgħix magħhom, li l-konvenuta ma kienetx qiegħda tagħtih flus, filwaqt li D E kien jordnalu sabiex jagħmel ix-xogħol fir-razzett tiegħu ġewwa l-Iklin. Magħdud ma' dan, l-attur jgħid lill-ħaddiema soċjali li D E kien qiegħed jaġixxi b'mod aggressiv fil-konfront tiegħu, kien jagħtih numru ta' titoli, u kien jgħidlu biex jitlaq mid-dar matrimonjali. Fil-fatt f'Settembru 2009 l-attur beda jiġi inkorraġut sabiex jieħu parir legali izda l-attur qatt ma aġixxa;

(h) F'Novembru 2009, l-attur ikkonferma li kien telaq mid-dar matrimonjali u mar jgħix fir-razzett ġewwa l-Iklin, fejn ma kienx qiegħed jiekol b'mod regolari u ma kellux il-faċilitajiet baziċi. Dan seta' jikkonfermah ukoll il-Psikjatra tal-attur. In vista li l-attur xtaq imur f'*shelter*, l-attur ġie akkumpanjat mill-ħaddiema soċjali tiegħu lejn Dar Leopoldo. L-għada ta' dan l-akkadut, l-attur mar jiġbor l-affarijiet personali tiegħu mir-razzett ġewwa l-Iklin, u l-konvenuta u D E ppruvaw jikkonvinċu lill-attur sabiex jibqa' jgħix fir-razzett;

(i) F'Jannar tas-sena 2010, il-ħaddiema soċjali talbet sabiex il-konvenuta titneħħielha l-prokura sabiex taġixxi bħala l-aġent tal-attur fir-rigward tal-benefiċċji soċjali. Madanakollu dak iz-zmien, l-attur rritorna lura d-dar matrimonjali, u D E kien qiegħed jieħu ħsieb il-finanzi tal-familja B. Konsegwentament, l-attur iddikjara li ma kienx għadu għix ġewwa d-dar matrimonjali izda beda jgħix mill-ġdid fir-razzett tal-Iklin;

(j) F'Awwissu tas-sena 2010, l-attur ikkonferma li telaq mir-razzett u mar jgħix ġewwa Dar Leopoldo stante argument li kellu ma' D E, fejn dan tal-aħħar safa' sabiex waddab platti lejn l-attur u dan tal-aħħar ħebb għalih lura. Wara l-intervent tal-Pulizija, fuq talba tal-attur, il-Pulzija ħadu lill-attur ġewwa Dar Leopoldo. D E kien ukoll qal lil *Head* tad-Dar Leopoldo sabiex l-attur jintbagħat lura d-dar. Madanakollu l-attur rritorna lura d-dar matrimonjali f'Novembru 2010. F'dak iz-zmien l-attur ġie ċċekjat minn Dr Y mill-klinika ta' Dr Q R, fejn il-Psikjatra nnota li l-attur kien wisq bezgħan milli jikkonfronta lil D E fuq dak kollu li kien qiegħed jiġri u kien jirrifjuta li jieħu passi legali;

(k) Fi Frar tas-sena 2011, Dr Y reġa' ċċekja lill-attur, għal liema *check up* kien attenda ukoll D E li allega li kien qiegħed jassisti finanzjarjament lill-familja B. Dr Y ukoll nnota li l-konvenuta kienet qiegħda tirċievi l-benefiċċji soċjali ta' zewġha;

(l) F'Settembru tas-sena 2011, l-attur informa lill-ħaddiema soċjali li kien biddel l-indirizz residenzjali tiegħu, fejn il-karta ta-identita' kienet turi li l-attur kien beda jgħix il-Marsa. L-attur kien informa lill-

ħaddiema soċjali li kien telaq mid-dar matrimonjali għaliex kien għajja bl-attitudni ta' martu, u b'hekk mar jgħix ġo garaxx. Spjega ukoll li huma kellhom pendenzi ta' kontijiet varji, izda hu ma kienx qiegħed jirċievi l-benefiċċji soċjali. Fis-16 ta' Settembru 2011, zewġ ħaddiema soċjali marru jaraw is-sitwazzjoni li kien qiegħed jgħix fiha l-attur, fejn sabu li ġol-garaxx kellu saqqu u *fridge*, izda ma kienx hemm karma tal-banju jew *toilet*. Meta l-ħaddiema soċjali ppruvaw ikellmu lill-attur, il-konvenuta bdiet tgħolli leħinha għaliex skontha ħadd ma jista' jkellem lill-attur waħdu għaliex hi kellha dritt tkun tafu x'inhu jiġri. Minkejja li l-partijiet ġew msejħa għal appuntament għand il-ħaddiema soċjali l-ġimgħa ta' wara, dawn ma attendewx;

(m) Fi Frar u Mejju tas-sena 2012, il-ħaddiema soċjali ppruvaw jikkuntatjaw lill-partijiet diversi drabi tramite telefonati u ittri bl-intiza li jifthiemu dwar appuntament, izda dan qatt ma sar b'suċċess. Konsegwentament f'Ġunju tal-istess sena, l-attur kien jinsab ġewwa l-Qormi Health Centre u ġie mitkellem mill-ħaddiema soċjali. L-attur ikkonferma li kien għadu jgħixu fil-garaxx ġewwa l-Marsa, kien ipprova jirranġa l-garaxx izda stqarr li kien qiegħed juza' l-faċilitajiet għall-iġene personali tiegħu f'*bar* li jinsab faċċatta tal-garaxx u jaħsel il-ħwejjeġ b'idejh. Fir-rigward tal-ikel, l-attur qal li kien qiegħed jiekol l-ikel li kienu jippreparawlu martu u D E, u fir-rigward tal-benefiċċji soċjali dawn kienu qegħdin jiġu *cashed* minn martu sabiex tħallas il-kontijet pendenti. Magħdud ma' dan, l-attur kkonferma li kien qiegħed jaħdem għal D E fil-garaxx stess, u ta' dan ix-xogħol ġieli kien jingħata ħlas ta' mhux iktar minn €10;

(n) Fil-11 ta' Ġunju 2012, l-attur attenda l-klinika ta' Ħal-Qormi, fejn l-Psikjatra Dr Q R ġie nfurmat bis-sitwazzjoni. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-attur, Dr Q R ssuġġerixxa lill-attur sabiex jiġi ammess volontarjament ġewwa l-iSptar Mount Carmel, u l-attur aċċetta tali suġġeriment. Ftit jiem wara li l-attur daħal ġewwa l-iSptar Mount Carmel, Dr Q R informa lill-ħaddiema soċjali sabiex l-attur jiġi mċaqqlaq lejn *ward* differenti għal protezzjoni ulterjuri stante li l-konvenuta u D E kienu qegħdin izurh u jitolbuh sabiex jiffirma xi dokumenti, izda ġie mwaqqaf milli jagħmel dan mill-membri tal-istaff tal-iSptar;

(o) Fit-28 ta' Ġunju 2012, l-attur ġie akkumpanjat mill-ħaddiema soċjali ġewwa Uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali ta' Ħal-Balzan, fejn l-konvenuta ġiet mneħħija minn aġent sabiex taġixxi f'isem zewġha u saru l-arranġamenti neċessarji sabiex l-attur jibda jirċievi l-benefiċċji soċjali li għalihom kien intitolat ġewwa l-iSptar Mount Carmel;

(p) F'Lulju tas-sena 2012, l-ħaddiema soċjali ġiet infurmata li l-konvenuta bdiet proċeduri ta' separazzjoni u li kienu qegħdin jinzammu numru ta' seduti għal medjazzjoni, liema seduti ma taw l-ebda frott. Izda fl-aħħar seduta tal-medjazzjoni, il-konvenuta għzlet li ma tkomplix bil-proċeduri. Nelfrattemp kien qiegħed isir kuntatt ma' diversi professjonisti sabiex l-attur ikun jista' jidħol lura f'daru u jgħix hemm ad eskluzjoni ta' D E;

(q) L-attur ħa l-parir legali neċessarju fit-13 ta' Ġunju 2013. Nhar il-5 ta' Lulju 2013, il-partijiet iltaqgħu għand l-Avukat sabiex jippruvaw jaslu għal ftehim bonarju, izda l-konvenuta bdiet tgħajjat li zewġha ġie ammess għalxejn ġewwa l-iSptar Mount Carmel u li ma kellux bzonn trattament psikjatriku;

(r) F'Ġunju tas-sena 2015, l-attur daħal ġewwa Dar il-Merill, *hostel* tal-Fondazzjoni Richmond, fejn l-attur jinsab kuntent u jieħu ħsieb tiegħu nnifsu bil-għajnuna tal-istaff meta dan ikun neċessarju. Il-konvenuta u uliedha kienu marru jaraw lill-attur, fejn ippruvaw jikkonvinċuh jattendi għal festin familjari u sabiex jirritorna lura d-dar. Madanakollu, l-attur ma ngħatax il-permess sabiex imur għal dan il-festin sabiex ma jkunx hemm lok għal abbuz u esplojtazzjoni.

iii. *J D bħala l-Manager tal-Hostel ta' Richmond Foundation*,[11] fejn ikkonfermat li ilha ssegwi lill-attur minn Ġunju 2015, u ċjoe' meta daħal fil-*hostel*. Tikkonferma li ftit wara li l-attur daħal, martu ppruvat tiġi zzuru minkejja li kienet konsapevoli li ma setgħatx tagħmel dan stante li wara z-zmien li l-attur għamel ġewwa l-iSptar Mount Carmel kien hemm ordni sabiex ma jkunx hemm kuntatt bejn il-partijiet minħabba ċirkostanzi ta' abbuz finanzjarju u maltrattament fuq il-persuna tal-attur. Jingħad li l-

[11] Ara x-xhieda datata 6 ta' Mejju 2019, a fol. 159.

konvenuta kienet tittenta zzur lill-attur sabiex tikkonvinċih imur lura d-dar matrimonjali. L-attur kien irċieva kont, u b'hekk ġie skopert li martu kienet għamlet kont f'ismu mal-Melita plc, filwaqt li uzat il-karta tal-identita' antika tiegħu. L-unika persuna li tista' zzur lill-attur hija bintu F, li għandha l-possibilita' li tara lil missierha taħt supervizjoni.

Flimkien max-xhieda surreferiti, ġew imresqa ukoll numru ta' xhieda oħra sabiex jistabbilixxu, l-introjtu tal-partijiet, il-kontijiet varji li saru f'isem l-attur matul iz-zmien u l-kontijiet pendenti f'isem l-attur:

i. *M in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali*,[12] li kkonferma li kemm l-attur u kif ukoll il-konvenuta jipperċepixxu mill-Għajnuna Soċjali, Għajnuna Medika u Għajnuna Supplimentari;[13]

ii. *R Bin rapprezentanza tal-ARMS Ltd*,[14] li matul iz-zewġ xhieda tiegħu pprezenta:

   (a) Kopja ta' kont relattiv għall-indirizz tad-dar matrimonjali, u ċjoe' kont datat 10 ta' April 2018 ta' €3,939.72;[15]

   (b) Kopja tal-prospett relattiv għal kont ta' €3,939.72;[16]

   (c) Estratt tal-pagamenti li saru b'referenza għal kont ta' €3,939.72;[17]

   (d) Kopja ta' ftehim bejn ARMS Ltd u l-attur datat 30 ta' Lulju 2015 għal ħlas ta' €7,167.37;[18]

   (e) Kopja ta' ftehim bejn ARMS Ltd u l-attur datat 3 ta' Awwissu 2016,[19] fejn għall-attur deher bi prokura D E, liema prokura hija datata 21 ta' Ġunju 2017;

[12] Ara x-xhieda datata 12 ta' Lulju 2016, a fol. 36.
[13] Fol. 40 u 41.
[14] Ara x-xhieda datata 19 ta' April 2018, a fol. 121; Ara x-xhieda datata 4 ta' Lulju 2019, a fol. 175.
[15] Fol. 124 – 125.
[16] Fol. 126 – 129.
[17] Fol. 130 – 131.
[18] Fol. 132 – 134, 187 – 189.
[19] Fol. 135 – 139, 191 – 195.

(f) Dokument li jistabbilixxi l-persuni li huma reġistrati għas-sussidju fuq l-istess fond;[20]

(g) Kopja ta' kont relattiv għall-indirizz tad-dar matrimonjali, u ċjoe' kont datat 13 ta' Ġunju 2019 ta' €4,221.01;[21]

(h) Kopja tal-prospett relattiv għal kont ta' €4,221.04;[22]

(i) Estratt tal-pagamenti li saru b'referenza għal kont ta' €4,221.04 li ilhom jakkumulaw mill-11 ta' Ottubru 2000;[23]

iii. *A C in rapprezentanza ta' ARMS Ltd*,[24] li tiddikjara li ffirmat il-kuntratt bejn ARMS Ltd u l-attur ta' nhar it-3 ta' Awwissu 2016 kif pprezentat minn Reuben Bonnici. Tispjega li bħala ARMS Ltd kienu aċċettaw l-prokura minkejja li din ma kienetx awtentikata u dan għaliex kienet iffirmata mill-attur. Madanakollu ma kellha l-ebda spjegazzjoni għaliex il-prokura hija tas-sena 2017 filwaqt li l-kuntratt huwa tas-sena 2016;

iv. *Q B V in rapprezentanza tal-Lands Auothority*,[25] fejn xehdet dwar id-dar matrimonjali bl-indirizz ta' *"Flat X, Entratura H, XXX, Housing Estate, Siġġiewi"* u kkonfermat li dan il-fond ġie mikri lill-attur permezz ta' kuntratt datat 11 ta' Frar 1992,[26] u li fuq tali fond hemm arretrati ta' kera fl-ammont ta' €7,420.06 għal perjodu bejn il-25 ta' Marzu 2009 u t-30 ta' Ġunju 2018;[27]

v. *E A in rapprezentanza ta' Melita plc*, [28] fejn ipprezentat l-aħħar kuntratt iffirmat mill-attur, u ċjoe kuntratt datat 31 ta' Mejju 2018 fejn għall-attur dehret il-konvenut permezz ta' prokura mhux datata,[29] u magħdud ma' dan ikkonfermat ukoll li hemm kont pendenti.

---

[20] Fol. 140.
[21] Fol. 178.
[22] Fol. 190 – 183.
[23] Fol. 184 – 186.
[24] Ara x-xhieda ta' nhar il-21 ta' Jannar 2020, a fol. 205.
[25] Ara x-xhieda ta' nhar id-19 ta' April 2018, a fol. 121.
[26] Ara l-kuntratt in kwistjoni, a fol. 142 – 144.
[27] Fol. 141.
[28] Ara x-xhieda ta' nhar is-6 ta' Mejju 2019, a fol. 159.
[29] Fol. 167 – 173.

Ġewypprezentati ukoll numru ta' dokumenti sabiex jiġi stabbilit li l-kontijiet pendenti ma kienux qegħdin jiġu mħalsa u għalhekk dan id-dejn għadu qed jiġi akkumulat:

i. Kopja ta' kont tal-ARMS Ltd datat 5 ta' Frar 2020, bis-somma ta' €4,486.66;[30]

ii. Kopja ta' kont tal-Lands Authority datat 2 ta' Jannar 2020, bis-somma ta' €8,656.06;[31]

iii. Kopja ta' kont tal-Melita plc datat 9 ta' Diċembru 2019, bis-somma ta' €337.53;[32]

Apparti minn hekk ġew ukoll ipprezentati dokumenti oħra li jistabbilixxu l-karattru tal-konvenuta:

i. Kopja ta' kwerela datata 9 ta' Novembru 2020 kontra l-konvenuta talli ffirmat kuntratt f'isem l-attur mingħajr il-kunsens tiegħu u li Melita plc qegħdin jieħu passi legali kontra tiegħu;[33]

ii. Kopja ta' ittra uffiċċjali datata 12 ta' Ottubru 2020, liema ittra saret abbazi tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-Melita plc interpellat lill-attur sabiex iħallas is-somma ta' €412 għal servizz ta' telefonija fil-fond *"IX, 15, Triq il-X, Ħal-Qormi"*.[34]

*Il-Verzjoni tal-Konvenuta u l-Allegati Tortijiet tal-Attur*

Il-Qorti tara li l-konvenuta hija kontumaċi f'dawn il-proċeduri u għalhekk, il-Qorti hija sprovvista mill-verzjoni tagħha dwar il-fatti u l-mertu tal-kaz odjern. Minkejja d-dritt li tiġi pprezentata nota ta' sottomissjonijiet, il-konvenuta naqset milli tipprezenta din in-nota skont il-fakolta' li tagħmel dan ai termini tal-Artikolu 158 subinċiz 10 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[30] Fol. 217 – 220.
[31] Fol. 221.
[32] Fol. 222.
[33] Fol. 230.
[34] Fol. 229.

*<u>Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

*a. <u>Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi</u>*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[35] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria B vs Vincenzo B**[36] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[37] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li*"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria B vs. Vincenzo B**, appena ċitata

[35]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[36]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[37]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[38] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[39] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[40]*; Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[41]

b. *Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

*"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[42]

Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi:

"*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*".[43]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza

[38] **Antonia B vs. Giuseppe B**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[39] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[40] **Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[41] **F Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[42] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[43] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).

għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[44] fejn ġie dikjarat li:

"*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern</u>*

Il-Qorti wara li rat il-provi esebiti da parti l-attur, tinsab konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet fil-prezent ma jgħixux taħt l-istess saqaf u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Dak prodott mill-attur huwa suffiċjenti sal-grad rikjest mil-liġi sabiex jistabbilixxi illi z-zwieġ tiegħu mal-konvenuta kien mgħoni b'elementi ta' moħqrija u offizi gravi. Il-verzjoni tal-attur, għalkemm mhux kontradetta mill-konvenuta u dan ġialadarba tinsab fi stat ta' kontumaċja, tinsab ikkorrabborata bi provi oġġettivi u imparzjali, li jekk xejn jkomplu jassistu lil Qorti sabiex tasal għall-konvinċiment morali illi t-tifrik taz-zwieġ bejn il-partijiet huwa unikament tort tal-konvenuta.

Il-Qorti tara li permezz tax-xhieda tal-Psikjatra Dr Q R, l-ħaddiema soċjali P V u l-*Manager* tal-*Hostel* tal-Fondazzjoni Richmond, waslet għal konvinċiment morali li l-attur safa' vittma tal-konvenuta u D E, li flimkien kienu qegħdin jesplojtaw lill-attur sabiex joħdulu dak kollu li jappartjeni lilu u jgħixu ħajja komda minn fuq daru. Il-fatt li l-attur spiċċa jgħix ġo għalqa u iktar tard f'garaxx bla neċessitajiet baziċi, u dan a konoxxenza ta' martu, juri biċ-ċar kemm l-intendiment tal-konvenuta kien li teħles minn zewġha filwaqt li tibqa' tieħu l-benefiċċji soċjali tiegħu u tagħmel kontijiet fuqu. Ma hemm l-ebda ombra ta' dubju li l-konvenuta flimkien ma' D E kienu qegħdin jikkomplottow kontra l-attur billi jieħdu vantaġġ mill-vulneribilita' tiegħu. Barra minn hekk u mix-xhieda ta' Dr Q R, il-Qorti tasal għal fehma illi r-raġel li miegħu bdiet relazzjoni l-

[44] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

konvenuta matul iz-zwieġ tagħha mal-attur, kien proprju l-imsemmi D E, li miegħu kellha kompliċita' enormi, tant li spiċċa daħal ġewwa d-dar matrimonjali tal-partijiet u ħa r-riedni ta' kollox, filwaqt li bil-għajnuna tal-konvenuta kkonvinċa lill-attur sabiex jmur jirrisjedi x'imkien ieħor. Għaldaqstant il-Qorti tara li l-konvenuta għandha tinstab ħatja ta' moħqrija, inġurji gravi u adulterju. Madanakollu l-Qorti ma tarax li hemm provi fir-rigward ta' eċċessi u theddid. Id-data li fiha l-konvenuta għandha tinsab responsabbli għat-tifrik taz-zwieġ hija 1 ta' Jannar 2006, liema sena skont ir-rapport ezebit mill-ħaddiema soċjali P V, D E daħal f'ħajjet il-partijiet u darhom, fejn bil-kompliċita' tal-konvenuta, dawn it-tnejn flimkien bdew jisfruttaw u jesplojtaw lill-attur.

Għaldaqstant il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għandhiex iktar possibbli għaliex iz-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, b'dan illi l-ħtija ghat-tifrik taz-zwieġ hija imputabbli unikament lill-konvenuta abbazi tal-Artikolu 38 u 40 tal-Kodiċi Ċivili.

## 2. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenuta

L-attur jitlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' martu d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, il-konvenuta hija ħatja ta' adulterju, moħqrija u inġurji gravi fil-konfront tal-attur. Fuq talba tal-attur sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* iċċitati, il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi u t-tbatija fizika u psikoloġika li għaddha minnha l-attur, ser tgħaddi sabiex tilqa' t-talba tal-attur billi tapplika s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenuta.

## 3. Manteniment għall-Attur:

Fir-rikors ġuramentat tiegħu l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lil konvenuta tħallas manteniment adegwat għalih personali.

Mill-atti jirrizulta li kemm l-attur u kif ukoll il-konvenuta jipperċepixxu minn Għajnuna Soċjali, Għajnuna Medika u Għajnuna Supplimentari. Madanakollu ma hemmx prova dwar jekk mal-eta' tal-irtirar, il-partijiet jistgħux ikunu eleġibbli għal xi forma ta' pensjoni u l-valur tagħha. Magħdud ma' dan, il-Qorti tieħu konsiderazzjoni tal-fatt li fil-prezent l-attur għandu wieħed u sittin (61) sena, filwaqt li l-konvenuta għandha disgħa u ħamsin (59) sena. Għaldaqstant, huwa stat ta' fatt li l-partijiet jinsabu qrib l-eta' tal-irtirar. Fiċ-ċirkostanzi u tenut kont li l-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ tirrisjedi unikament fuq il-konvenuta, il-Qorti ma tarax għaliex ma għandhiex tordna lill-konvenuta tħallas manteniment lil zewġha u dan fid-dawl tal-fatt li l-konvenuta ilha zmien tisfruttah u titrattah b'mod dispreġġjattiv.

Il-Qorti ma għandhiex prova tal-introjtu attwali tal-partijiet, izda fi kwalunkwe kaz, il-Qorti sejra tillikwida s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' (4) ġimgħat f'manteniment għall-attur, pagabbli mill-konvenuta u liema somma għandha tizdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u tinqata' minn kull introjtu u/jew benefiċċju li tista' tipperċepixxi l-konvenuta.

## 4. It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar id-29 ta' Jannar 1984, hekk kif jixhed l-Att taz-Zwieġ,[45] din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*It-Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

---
[45] Fol. 4.

Il-Qorti tinnota li f'dan ir-rigward ma hemmx bosta provi u dan stante li fiz-zwieġ ma jidhirx li saru investimenti jew transazzjonijiet ta' xiri jew bejgħ ta' proprjeta' u/jew vetturi.

*Fir-rigward ta' kontijiet bankarji*, il-Qorti tordna li kull parti għandha zzomm dawk il-kontijiet bankari li jkunu intestati f'isimha u kif ukoll il-bilanċ mizmum fih.

*Fir-rigward tad-dar matrimonjali*, il-Qorti tara li dan il-fond ġie mikri lill-attur permezz ta' kuntratt mal-*Lands Authority* nhar il-11 ta' Frar 1992. Madanakollu fin-nota ta' sottomissjonijiet ingħad li *"hu mhux fis-stat li jiehu hsieb lilu nnifsu u qieghed kuntent fid-dar residenzjali. Ghalhekk hu mhux qieghed jitlob l-izgumbrament tal-mara bid-dar".*[46] Fid-dawl ta' dan, il-Qorti hija tal-fehma li d-dritt lokatizju għandu jiġi trasferit fuq isem l-attriċi sabiex b'hekk din tkun tista' tibqa' tabita f'dan il-fond, filwaqt li l-attur jibqa' jgħix b'mod trankwill u seren fid-dar residenzjali li qiegħed fiha, 'il bogħod min nies li trattawh ferm ħazin matul ħajtu.

*Fir-rigward ta' vetturi*, il-Qorti tara li fl-udjenza ta' nhar il-11 ta' Novembru 2021, ġie ddikjarat li l-konvenuta xtrat vettura f'isem l-attur u ħarġet ukoll polza ta' assigurazzjoni f'ismu ukoll. Madanakollu l-Qorti tara li ma għandha l-ebda prova f'dan ir-rigward u b'hekk hija prekluza milli tiddeċiedi dwar allegazzjoni li ma ġietx minimament ippruvata.

*Fir-rigward ta' dejn pendenti, inkluz izda mhux limitat biss għal dejn mal-ARMS Ltd, Lands Authority u Melita plc,* il-Qorti tordna li dan għandha tagħmel tajjeb għalihom fl-intier tagħhom il-konvenuta stante r-responsabbilta' tagħha għat-tifrik taz-zwieġ.

## 5. Beni Parafernali:

Il-Qorti tara li l-attur talab sabiex il-Qorti tiddividi dak il-ġid li ma jiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tordna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur dawk il-beni u krediti li huma parafernali tiegħu. Madanakollu l-Qorti tara

[46] Fol. 235.

li l-attur ma ddikjarax liema huma dawk il-beni li huma parafernali u li qiegħed jistenna li jiġu llikwidati u riturnati lura fil-pussess tiegħu.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iz-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u dan minħabba adulterju, moħqrija u inġurji gravi ai termini tal-Artikoli 38 u 40 tal-Kodiċi Ċivili, attribwibbli unikament lil konvenuta; Il-Qorti qiegħda tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taz-Zwieġ tal-partijiet huwa 1809/1984, u konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum mil-lum;

2. Tilqa' it-tieni talba u konsegwentament tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' (4) ġimgħat f'manteniment għalih innifsu, u tordna li tali ammont għandu jizdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u kif ukoll li dan għandu jitnaqqas direttament minn kwalisasi introjtu u/jew benefiċċju tal-konvenuta;

3. Tilqa' t-tielet talba u tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet *in toto* kif elenkati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

4. Tilqa' ir-raba' talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, b'dana illi d-divizjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tar-raba' (4) parti ta' din is-sentenza u ċjoe' *'It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'*; Il-Qorti tastjeni milli tinnomina nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-intimata fl-eventwali kontumaċja;

5. Tiċħad il-ħames u s-sitt talba fir-rigward tal-beni l-oħra li ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

6. Tiċħad is-seba' talba fir-rigward tal-izgumbrament tal-konvenuta mill-fond bl-indirizz *"Flat X, Entratura X, XXX, Housing Estate, Siġġiewi"* u dan skont il-provvediment tar-raba' (4) parti ta' din is-sentenza u ċjoe' *'It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'.*

Bl-ispejjez kollha għandhom ikunu sapportati mill-konvenuta.